MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Frar, 2007

Numru 1140/2006

Il-Pulizija
(Spettur Marisa Camilleri
Spettur Jesmond J Borg)

vs

John Ellul

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat John Ellul detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 684056M, akkuzat talli:

a) fis-6 ta’ Ottubru u fil-granet ta’ qabel, minn gewwa l-propjeta’ tal-Greenlines fl-inhawi maghrufa bhala Tal-Hlas L/O Qormi, b’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti imma li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li kienu gew b’rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta’ 14 il-skip ghad-detriment tal-kumpanija Greenlines Co Ltd, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, liema valur

jaqbez il-Lm100 imma mhux l-Lm1000, bil-persuna u bil-hin;

b) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

c) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta' tal-kumpanija Greenlines Co. Ltd.

Semghet lill-imputat fl-ewwel udjenza jirregistra ammissjoni li fuqha insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat jinsab akkuzat b'serq, ricettazzjoni u bi vjolazzjoni ta' proprjeta' altrui. L-akkuza ta' serq u ricettazzjoni huma ad esklussjoni ta' xulxin.

Il-fatturi li jikkontradistingwu l-kawza huma:

a. li l-imputat ammetta l-akkuzi liema ammissjoni tieghu hija volontarja u inkondizjonata;
b. li huwa irrestitwixxa r-refurtiva u kien strumentali sabiex tigi rekuperata refurtiva ohra;
c. li l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat huma prova cara bizzejjed tas-serq.

Rat ghalhekk ghal finijiet ta' piena, wara li tiddikjarah hati tal-akkuza ta' serq u vjolazzjoni ta' proprjeta, l-artikolu 261(b)(c), 264, 267, 279(a), 280(2), 330 u 17 tal-Kap 9 u tilliberah bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------